MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1178/2000/1

Dottor Louis **CASSAR PULLICINO**, fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera *Axel Johnson International AB*

vs

**J. B. HOLDINGS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-9 ta' Ġunju, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur *nomine* talab li din l-Qorti (i) taqta' l-

kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu s-somma ta’ miljun tmien mija u tlieta u ħamsin elf mitejn u tnejn u disgħin dollaru amerikan (US$ 1,853,292.00) flimkien mal-imgħaxijiet kif miftiehem f’kitba privata tat-30 ta’ Novembru, 1993. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta’ Lulju, 2000[1], li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-fakulta’ li tikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-19 ta’ Lulju, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li hija, bħala garanti tad-debitriċi ewlenija, ma kenitx għadha marbuta aktar lejn il-kumpannija attriċi għall-finijiet tal-artikolu 1963 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-kumpannija attriċi barranija qiegħda titlob il-ħlas tas-somma kollha miftehma fil-kitba privata bla ma qieset il-fatt li hija kienet effettwat bosta ħlasijiet akkont. Skond il-kalkoli magħmula mid-debitriċi ewlenija, s-somma li fadal titħallas hija miljun seba’ mija u tlieta u sebgħin elf mitejn u disgħa u tmenin dollaru amerikan (US$ 1,773,289). Temmet tgħid li l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi jrid jinbidel għaliex dak miftiehem fil-kitba privata huwa ogħla mill-ogħla rata li tippermetti l-liġi;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta’ Novembru, 2000[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-affidavit tal-attur *nomine*[3] u x-xhieda mogħtija minnu fil-kontro-eżami[4] ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta’ Ġunju, 2001[5], li bih ħatret lil Paul Merċieca bħala perit

[1] Paġ. 46 tal-proċess
[2] Paġġ. 60 – 5 tal-proċess
[3] Paġġ. 69 sa 73 tal-proċess
[4] Paġġ. 86 sa 103 tal-proċess
[5] Paġ. 108 tal-proċess

komputista, liema ħatra tħassret b'degriet tagħha tas-6 ta' April, 2004[6];

Rat in-Nota mressqa mill-attur *nomine* fit-12 ta' Frar, 2004[7], li biha naqqas it-talba dwar is-somma msemmija fit-tieni talba attriċi għal miljun seba' mija u tlieta u sebgħin elf mitejn u disgħa u tmenin dollaru amerikan (US$ 1,773,289) u iddikjara li l-imgħax mitlub fuqha kellu jkun bir-rata tas-sebgħa u nofs fil-mija (7.5%);

Rat il-verbali tas-smigħ bejn l-14 ta' Ottubru, 2004, u t-18 ta' Jannar, 2011, li fiha l-partijiet kienu qegħdin jgħarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jaħdmu mod kif jirranġaw id-differenzi ta' bejniethom bonarjament barra l-Qorti;

Rat il-verbal tal-24 ta' Mejju, 2011[8], li bih l-avukati difensuri tal-partijiet għarrfu lill-Qorti li baqgħu ma waslux għal ftehim u li t-transazzjoni ma seħħitx;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' dejn aċċettat. L-attur *nomine* fittex lil waħda mill-garanti solidali ta' debitur ewlieni biex tħallas il-bilanċ li kien fadal u l-imgħaxijiet miġmugħin fuqu, għaliex id-debitur ewlieni ma żammx mal-iskeda tal-ħlasijiet kif miftehma;

Illi l-kumpannija mħarrka – waħda mill-garanti solidali mad-debitur ewlieni – laqgħet għal din l-azzjoni billi qalet li hija, bħala garanti tad-debitriċi ewlenija, ma kenitx għadha

[6] Paġ. 128 tal-proċess
[7] Paġ. 123 tal-proċess
[8] Paġ. 153 tal-proċess

marbuta aktar lejn il-kumpannija attriċi għall-finijiet tal-artikolu 1963 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-kumpannija attriċi barranija qiegħda titlob il-ħlas tas-somma kollha miftehma fil-kitba privata bla ma qieset il-fatt li hija kienet effettwat bosta ħlasijiet akkont. Skond il-kalkoli magħmula mid-debitriċi ewlenija, s-somma li fadal titħallas hija miljun seba' mija u tlieta u sebgħin elf mitejn u disgħa u tmenin dollaru amerikan (US$ 1,773,289). Temmet tgħid li l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi jrid jinbidel għaliex dak miftiehem fil-kitba privata huwa ogħla mill-ogħla rata li tippermetti l-liġi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fit-3 ta' Novembru, 1993[9], il-kumpannija Aluminium Extrusions Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "ALEX") ikkostitwiet lilha nnifisha bħala debitriċi ċerta u likwida tal-kumpannija kreditriċi barranija Axel Johnson Trade AB (aktar 'il quddiem imsejħa "AXEL"), fis-somma ta' miljun tmien mija u tlieta u ħamsin elf mitejn u tnejn u disgħin dollaru Amerikan (US$ 1,853,292) li bir-rata maħduma ta' dak iż-żmien kienu jġibu seba' mija u tletin elf lira Maltija (Lm 730,000). Dak id-dejn kien iġorr fuqu mgħax bis-sebgħa u nofs fil-mija (7.5%), iżda kien jista' jinbidel bi qbil bejn il-partijiet, imbasta ma jaqbiżx l-ogħla rata ta' mgħax li tagħti l-liġi;

Illi ftit jiem wara, fit-30 ta' Novembru, 1993[10], saret kitba privata bejn AXEL, ALEX, il-kumpannija mħarrka J.B. Holdings, u John, Charles u Raymond Borġ, li biha d-dejn magħruf fil-kuntratt pubbliku li kien sar fil-bidu ta' dak ix-xahar kien miftiehem li jitħallas fuq medda ta' żmien kif miftiehem. Il-kumpannija mħarrka kienet daħlet bħala garanti solidali mal-obbligazzjonijiet ta' ALEX favur AXEL sal-ammont kollu tad-dejn maqbul. Il-pjan ta' ħlasijiet kien kopert b'sensiela ta' wieħed u tletin (31) kamjala *par aval* maħruġa fuq il-kumpannija mħarrka favur AXEL u aċċettati minn ALEX, bl-aħħar waħda timmatura fl-1 ta' Ġunju, 1996[11]. Il-komparenti Borg ukoll daħlu garanti

[9] Dok "B", f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[11] Dok "Ċ", f'paġġ. 12 sa 38 tal-proċess

flimkien għall-obbligazzjonijiet ta’ ALEX, iżda sal-ammont ta’ nofs miljun dollaru Amerikan (US$ 500,000), u setgħu jissejħu biss minn AXEL biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta’ twettiq tal-ħlas min-naħa ta’ ALEX jekk kemm-il darba l-kumpannija mħarrka tkun issejħet biex tagħmel hi l-ħlasijiet u tonqos li tasal fi żmien ħmistax-il (15) jum minn dak inhar tat-talba. Kien miftiehem li l-imgħax bir-rata tas-7.5% jgħodd sal-31 ta’ Ottubru, 1994. Minn dak inhar ’il quddiem, sa sena wara, l-imgħax kellu jinħadem bir-rata ta’ LIBOR b’żieda ta’ erbgħa fil-mija (4%), u, fis-sena ta’ wara, bir-rata ta’ LIBOR b’żieda ta’ ħamsa fil-mija (5%). Jekk kemm-il darba jinqabeż ħlas ekwivalenti għall-import ta’ żewġ kambjali, jintilef il-benefiċċju taż-żmien;

Illi minħabba li ALEX bdiet taqa’ lura fil-ħlasijiet miftehma, fl-14 ta’ Settembru, 1994, saret laqgħa li fiha ntlaħaq qbil dwar il-mod kif kellu jitħallas id-dejn li kien għad hemm mhux maqtugħ. Sa dak iż-żmien, ALEX kienet waqgħet lura bi ħlas ta’ tmien (8) kambjali. Qablet li sa għaxart ijiem wara dik il-laqgħa tħallas kambjala flimkien mal-imgħax miġmugħ fuqha, u li, sal-20 ta’ Diċembru ta’ dik is-sena, tħallas is-seba’ kambjali l-oħrajn bl-imgħaxijiet miġmugħa u kif ukoll il-kambjali l-oħrajn fis-sensiela li kienu sejrin jimmaturaw. B’dan il-ftehim, AXEL intrabtet li sal-20 ta’ Diċembru, 1994, ma tibda l-ebda proċeduri fil-qorti kontra ALEX;

Illi l-qagħda ma tantx tjiebet, u minkejja li saru xi ħlasijiet, ma kienx qed jinżamm il-programm tal-ħlas kif miftiehem. F’Jannar tal-1997[12], inħarġu *cheques* mill-kont personali ta’ John Borġ għal mija u ħamsin elf lira Sterlina (GBP 150,000), iżda l-aħħar wieħed minnhom ma kienx onorat meta AXEL ippreżentatu biex jissarraf;

Illi l-kawża nfetħet f’Ġunju tal-2000;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali</u> marbuta ma’ dan il-każ, ftit jidher li hemm punti x’wieħed jistħarreġ. Dan jingħad fid-dawl tan-Nota li l-attur *nomine* ressaq fi Frar tal-2004, li biha naqqas it-talba

[12] Dokti “3” u “4” f’paġġ. 79 – 80 tal-process

dwar is-somma pretiża mill-kumpannija barranija attriċi u wkoll billi illimita t-talba dwar l-imgħaxijiet dovuti għall-ogħla rata ta' sebgħa u nofs fil-mija (7.5%);

Illi b'dan il-mod, l-imsemmija nota indirizzat tnejn mill-ilmenti mqajma mill-kumpannija mħarrka fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha. Hija ħasra li, minkejja dan l-aġġustament magħmul mill-kumpannija attriċi baqa' ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet minkejja t-tul ta' żmien li ngħataw biex jilħqu jsibu soluzzjoni bonarja bejniethom;

Illi l-kwestjoni waħdanija li jidher li kien fadal kienet dwar jekk is-somma mitluba minn AXEL, kif imnaqqsa, kenitx biss somma kapitali jew jekk kienx hemm fiha wkoll l-imgħaxijiet dovuti sad-data li nfetħet il-kawża. Joħroġ ċar mill-prospett imressaq minn AXEL[13], li s-somma mertu tat-tieni talba attiċi kienet meqjusa bħala l-bilanċ mill-kapital li kien għadu ma tħallasx, wara li kien tnaqqas kull ħlas li seta' sar qabel, biex jaqta' wkoll l-imgħax li laħaq inġema';

Illi l-kumpannija mħarrka baqgħet tisħaq li s-somma mitluba fiċ-Citazzjoni kienet tgħodd fiha wkoll l-imgħaxijiet li setgħu kienu dovuti minnha sa dak inhar u li l-prospett imressaq minnha[14] kien jiġbor fih kemm il-kapital u kemm ukoll l-imgħax miġmugħ fuqu. Meta l-Qorti tat lill-kumpannija mħarrka l-possibilita' li tressaq il-provi tagħha fuq dan il-fatt, ir-rappreżentant tal-istess kumpannija għarraf lill-Qorti li, minħabba ċirkostanzi marbuta mal-mod kif il-kumpannija tneħħiet mill-istabiliment li kellha fil-Qasam Industrijali f'Ħal Far, ma kienx f'qagħda li jressaq il-provi dwar din l-allegazzjoni;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li ladarba l-kumpannija mħarrka tallega li l-imgħax miġmugħ huwa diġa' magħdud fis-somma mitluba minn AXEL, imqar kif issa mnaqqsa permezz tan-nota ta' din imressqa f'April tal-2004, il-prova trid issir minn min jallega dan il-fatt. Il-kumpannija mħarrka stqarret li ma kinitx f'qagħda li tressaq din il-prova;

[13] Dok "E', f'paġġ. 40 – 2 tal-process
[14] Dok "JB", f'paġġ. 106 – 7 tal-process

Illi, mill-banda l-oħra, hemm il-prospett dettaljat imressaq minn AXEL sa mill-bidunett ta' din il-kawża (li kienet maħsuba bħala waħda taħt il-proċedura sommarja speċjali) li jixhed li, skond kif magħmula t-talba, l-imgħax kien qiegħed jiġi riżervat u li dak li ntalab kien biss il-kapital li AXEL kienet sa dak iż-żmien tqis li kien għadu dovut lilha. Minbarra dan, wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-ħlas tad-dejn maqbul kien imsejjes fuq programm ta' ħlasijiet magħmul minn sensiela ta' kambjali, li, bħala obbligazzjonijiet kummerċjali u min-natura tagħhom infushom, jiġmgħu l-imgħaxijiet sa mill-waqt li jimmaturaw;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-imgħax huwa sura partikolari ta' obbligazzjoni li, għall-aċċessorjeta' tieghu, jingħaqad mal-obbligazzjoni ta' natura kapitali, u li għalhekk it-talba tieghu hija meqjusa aċċessorja wkoll mat-talba tal-ħlas tal-kapital, l-aktar fejn in-negozju jkun wieħed ta' bixra kummerċjali[15]. Dan għalhekk ifisser li, ladarba t-talba ewlenija ta' AXEL kienet waħda għall-ħlas ta' kreditu minħabba n-nuqqas ta' twettiq f'waqtu min-naħa tad-debitur, il-pretensjoni tal-ħlas tal-imgħax moratorji f'dan il-każ ma jistax ikun li ma titqiesx bħala talba neċessarjament impliċita, imma addizzjonali, mat-talba għall-ħlas tal-kapital dovut[16]. Wara li l-Qorti rat sewwa l-atti tal-kawża u fliet b'reqqa d-dokumenti mressqa, tasal għall-fehma sħiħa li s-somma mitluba minn AXEL fit-tieni talba tagħha (ukoll jekk issa mnaqqsa fil-mori tal-kawża) tirrigwarda biss il-kapital li kien għadu dovut minn ALEX u li għall-ħlas tiegħu l-kumpannija mħarrka kienet daħlet garanti solidali flimkien mad-debitur ewlieni msemmi;

Illi, minbarra dan, u minkejja l-ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet fil-laqgħa li saret f'Settembru tal-1994 fejn kien miftiehem ħlas ta' mgħax li seta' jaqbeż l-ogħla rata ta' mgħax ċivili li tagħti l-liġi, il-fatt li AXEL għażlet li tressaq nota li biha fissret li l-pretensjonijiet tagħha dwar il-ħlas ta' mgħax kienet qiegħda żżommhom kollha fl-ogħla limitu ta' sebgħa u nofs fil-mija (7.5%), jiġi li l-oġġezzjoni tal-

[15] App. Kumm. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Penza vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.205**)
[16] App. Inf. PS **6.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mekkanika Ltd vs Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti et***

kumpannija mħarrka f’dan ir-rigward ukoll m’għadhiex tiswa aktar;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka m’hijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet mogħti fl-14 ta’ Lulju, 2000;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** billi m’hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi barranija s-somma ta’ miljun seba’ mija u tlieta u sebgħin elf mitejn u disgħa u tmenin dollaru amerikan (US$ 1,773,289) li jġibu s-somma ta’ miljun tliet mija u sbatax-il elf tliet mija u tlieta u ħamsin euro (€1,317,353) skond ir-rata ta’ kambju tal-lum[17], flimkien mal-imgħax fuq l-imsemmija somma bir-rata tas-sebgħa u nofs fil-mija (7.5%) fis-sena, b’seħħ minn Novembru tal-1993 sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tas-sentenza *in parte* tad-29 ta’ Novembru, 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] € 1 = US$ 1.3461